# XI GHAJDUT U TAQBILIET

GUIDO LANFRANCO

Fi tfuliti ommi kienet dejjem izzommna ma' genbha waqt li tkompli bix-xoghol tad-dar; daqqa ssajjar, thit, tghaddi l-hwejjeg, tahsel il-hwejjeg, platti, l-art, taghmel ix-xirja mit-tieqa. F'hinijiet bhal dawn, minbarra li kemm il-darba kienet toqghod tghanni u tkanta, kienet ukoll toqghod tghid-ilna xi stejjer jew taqbiliet li kienet taf minn tfulitha stess, l-aktar ta' meta kienet toqghod Hal-Balzan, fejn twieldet.

Ghadni niftakar bosta mill-ghajdut, twemmin u taqbiliet taghha, u nsemmi xi ftit minnhom ghall-interess folkloristiku taghhom.

L-ewwelnett kienet tqabbel dak li kienu 'moda' fi zmienha, bhal-istorja ta' "Darba n-nannu kif izzewweg/kera' dar f'nofs il-Furjana/sewwa sewwa f'nofs il-bitha/kellu sigra tal-banana.." u "Darba kienhemm sultan/habat rasu mat9tigan....", ukoll il-poezija twila ta' "Nhar l-Imnarja mill-Imdina/bil-vapur ta' l-art gejt l-hawn...." u bosta ohrajn. Fost l-ohrajn.. "Zinzel it-tiben/in-nanna ghandha tifel/semmietu Firdirandu/ l-kappilan ma riedx jghamdu/temghatu l-hobz tas-smid/biex jitghallem ghal-tabib/temghatu l-hobz tal-granza/biex jitghal-lem il-kirjanza." li taghha smajt diversi varjanti.

Kienet tghanni wkoll xi bcejjec, bhal ma qalet li kienet tkanta u tisma min ikanta dawn il-versi indirizzati lill ta' Xoqqiela(Hal Balzan), ragel goff u mibni b'sahtu: "Ja lilek ta' sidrek wiesa'/qasba drapp trid ghas-sidrija/Jekk jghidulek li int b'sahhtek/biex taqbadni 'gri warajja!" Gie li kienet tkanta wkoll "Ifthulu l-bieb tal-Bombi,biex jghaddi Cikku t-tapp...." fuq ritmu ta' marc militari.

Wara l-ewwel gwerra dinjija, ommi kienet ghadha tifla, kienet tisma taqbila, u baqghet tiftakarha fi xjuhitha, li

kienu jghidu n-nies meta kienhemm imxija ta ! marda, l iahna nghidulha Spanish Flu, jewkif kienu jghidulha 1-Maltin, "l-Ispanjola". . Kienu mietu bosta nies, ghalhekk: "Jekk ikollok 1-Ispanjola/ igorruk lejn Lazzarett/Hemm jaghtuk skutella briodu/Dina tkun ta 1-ahhar netti

Fost il-Haga Mohgaga l igiel ikienet tghidilna, hemm: Haga mohgaga..Biex tarah tfid taghlaq ghajnejk,biex ma tarahx trid tiftah ghajnejk,X inhu? (dlam); Haga mohgaga..Iddur mad-dinja kollha, izda dejjem tibqa f poflt wiehed..X'inhiîCbolla imwahhla fuqkartolina jewittra); Haga mohgaga.•Dudu tv/il b'hafna saqajn, rasu war a ghajnejh quddieft..Xinhi?ïprocessjoni) L-ghajnejn kienu 1-fanali. u bosta ohrajn.

Kienet tghid taqbila l igieli kienu jghidu qabel jorqdu, izda ghalkenim il-kliem preciz ma niftakrux, kienet imfassla bhala varjanti ta ohra l ismajt minn ghand wanda Schembri mill-Belt: "Sejra norqod u nistrieh/Ghal Alla,ghall-erqieh/Sejra norqod u nirpoza/Ghal Alla u Santa Roza./Kigbed 1-ghata fuqi,/ Zev/g angli hdejn rasi/Sewg angli hdejn riglejja/llaxixa hazina qatt ma tersaq lejja.

Xi drabi kienet toqghod tghidilna biex kienu jilghabu meta kienu zgliar. Darba urietna dak l i kienet issejjahlu 1-lembut tal-bezqa. Meta kienet marret toqghod il-Belt kienu joqghodu fil-gholi; giel ikienu jsejhu x itfal, fìt-triq u jixhtulhom lembut bic-cirku ta fuq maqtuh qisu feenza, ghalhekk meta titilqu jibda jaghqad. farà 1-evwel jew it-tieni lembut l i jinzel idur, it-tfal isfel jiehdu pjacir, u jlestu biex jaqbdu 1-iehor. Izda minn fuq, kienu jobzqu go danil-lembut tal-karti u jitiquh. Dan jinzel ahjar mill-ohraghax ikollu il-piz isfel, izda dawk l ijaqbduh ma jehdux gost daqs dawk l ijkunu waddbuhj

f2>